**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Numru: 529/14

Illum, 30 ta' Jannar 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Stephen Bonsfield**
**(ID 42069M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Stephen Bonsfield**, ta' 46 sena, iben Harold u Teres nee` Maranci, imwieled tas-Sliema nhar is-17 ta' Settembru 1968, u residenti ġewwa l-fond St. Anthony, Flat 4, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 42069(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Novembru 2014 u fil-jiem ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta

u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żagħżagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lilhom jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma proprjeta` tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9, Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31

tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-6 ta' Frar 2015, il-Qorti laqħet it-talba tal-Proskuzzjoni u ordnat l-iffriżar tal-assi tal-imputat ai termini ta' l-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi ssekwestrat f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes (għajr is-somma ta' €13,976.24 fis-sena) u proprjeta` mobbli jew immobbli kollha dovuti lil jew li jkunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta` tiegħu, filwaqt li pprojbiet lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli ai termini tal-istess artikoli tal-liġi;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar it-30 ta' Novembru 2014, għall-ħabta tas-1.15 a.m., pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ossia PC 213 Nikolai Borg, PC 1500 Alfred Cutajar u PC 1026 Brandon Gauci waqqfu lill-imputat ġewwa l-istabbiliment 'Clique' f'Paceville u minn tfittxija li saret fuq il-persuna tiegħu, instabu wieħed u tmenin pillola, għoxrin pakkett kontenenti trab abjad u xi pakketti bi traċċi suspettati kokaina, kif ukoll is-somma ta' elf, mija u ħamsa u għorxin ewro (€1,125) fi flus kontanti, liema sustanzi u flejjes ġew esebiti mill-Ispettur Gabriel Micallef f'dawn il-proċeduri bħala Dokumenti GM1 u GM2 rispettivament.[1]

B'żieda mas-sustanza komuni tad-deposizzjoni tat-tlett membri tal-pulizija fuq imsemmija, PC 1026 Brandon Gauci jgħid illi l-pulizija kellha informazzjoni dwar persuna ġewwa 'Clique' li kienet qegħda tbiegħ id-droga u li lill-imputat kienu sabuh proprju fejn kien ġie ndikat lilhom. Ix-xhud jelabora billi jgħid illi huwa kien daħal fl-imsemmi stabbiliment ma' persuna oħra, qabel ma daħal mal-membri

[1] F'dan is-sens, ara x-xhieda tal-Ispettur Gabriel Micallef (a fol. 25 sa 27 tal-proċess), ix-xhieda ta' PC 213 Nikolai Borg (a fol. 72 sa 76 tal-proċess), ix-xhieda ta' PC 1500 Alfred Cutajar (a fol. 78 sa 88 tal-proċess) u x-xhieda ta' PC 1026 Brandon Gauci in eżami (a fol. 99 sa 105 tal-proċess) u in kontro-eżami (a fol. 147 sa 152 tal-proċess).

l-oħra tal-korp, liema persuna kienet indikatlu lil Bonsfield. Jgħid ukoll illi kienet saret tfittxija wkoll fir-residenza tal-imputat, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv.

L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija nhar it-30 ta' Novembru 2014, wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li jeżerċitah.

Madankollu, l-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-*

*rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi iżjed u iżjed għandha tqis l-istqarrija tal-imputat odjern, li kienet ta' preġudizzju għalih u timpinġi direttament fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri, bħala inammissibbli u għalhekk qegħda tiskartaha. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-*

*interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija bħala inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Skont ir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, maħtur minn din il-Qorti fil-mori ta' dawn il-proċeduri[2], huwa ngħata s-segwenti dokumenti għall-analiżi tiegħu ossia *envelope* kannella mmarkat bħala S/B/63/2015 li fih:

1) *Evidence bag* bin-numru S00761764 li fih (i) karta bil-kliem Data: 30/11/2014 Hin: 01.15am Elevat/i minn but tal-jeans ġo pocket iswed minn Clique Paceville, 20 sachets suspected cocaine, 3 pkts with traces, nokia mobile, 1 black pocket; (ii) *mobile phone*; (iii) *pocket* ta' lewn iswed; (iv) 20 boroż tal-plastik żgħar li fihom trab ta' lewn abjad u (v) 3 boroż tal-plastik żgħar li fihom xi traċċi tat-trab ta' lewn abjad;

2) *Evidence bag* bin-numru S00761765 li fih (i) karta bil-kliem Data: 30/11/2014 Hin: 01.15am Elevat/i minn but tal-jeans ġo pocket iswed minn Clique Paceville, 81 extasy pills (ii) 81 pilloli ta' lewn ħodor.

Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 076_15_01.

Skont il-konklużjonijiet tal-imsemmi espert:

a) Fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 076_15_01 instabet is-sustanza kokaina. Il-piż totali tat-trab kien ta' 8.01 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 20%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) Fl-estratti meħuda mill-pilloli li ġew analiżżati li hemm fid-dokument 076_15_01 instabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*. In-numru total ta' pilloli kien ta' 81. Din is-sustanza hija

[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 44 sa 70 tal-proċess.

kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat Stephen Bonsfield għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri.[3] Huwa jgħid illi qatt ma kien għamel użu mid-droga sakemm beda jaħdem bħala *bouncer* ġewwa l-istabbiliment 'Clique', u dan filwaqt li jgħid ukoll illi kienet xi ħaġa regolari li ħaddiema fl-istess stabbiliment jagħmlu użu mill-kokajina sabiex ikunu kapaċi jaħdmu s-sigħat twal ta' bil-lejl. L-imputat jallega illi dan l-istabbiliment kien magħruf għat-traffikar tad-droga u fi kliemu stess b'referenza għall-istess stabbiliment "*it-taħwid kollu ltqajt miegħu. Kull tip ta' droga hija ħaġa normali li tinbiegħ*"[4]. Saħansitra jiddeskrivi l-istabbiliment bħala spiżerija – "*bqajt imbellah kemm dik it-tip ta' droga kollha, minn speed, coke, smoke, ecstasy, MDMA u anke viagra jbiegħu … U hija ħaġa normali wkoll li flok drink, kulħadd jgħidlek nagħmillek linja*?"[5]. Jgħid ukoll illi wara tliet snin f'dan l-impjieg, xi tliet ġimgħat qabel l-arrest tiegħu, meta allura kien daħal sew fil-vizzju tal-kokaina, wara li kien ġie fi stat li spiċċa huwa stess jixtri din id-droga mingħand il-kollegi tiegħu mhux biss sabiex jagħmel użu minnha fil-ħinijiet tax-xogħol, iżda anke barra x-xogħol, huwa tkeċċa mill-istess impjieg u dan meta ppermetta li jidħlu dawk li huwa jsejjħilhom '*CIDs*' pajżana fl-istess stabbiliment. Jgħid ukoll illi persuni oħrajn, ukoll impjegati f'dan l-istabbiliment kienu jgħassu kemm il-bieb, kif ukoll it-toroq għall-pulizija pajżana li huma kienu jgħarfu sew u dan sabiex x'ħin jilmħuhom, jinfurmaw lill-impjegati l-oħrajn ġewwa l-istabbiliment bil-presenza tal-pulizija, sabiex jilħqu jwarrbu d-droga. L-imputat iżid jgħid illi wara li tkeċċa mill-impjieg tiegħu huwa ġie avviċinat minn terza persuna sabiex jibda jbiegħlu d-droga ġewwa l-istess stabbiliment, u li huwa kien aċċetta li jagħmel dan, tant illi ġiet ikkonsenjata lilu d-droga u beda jbiegħha ġewwa 'Clique'. Jgħid illi d-droga kienet ġiet ikkonsenjatha lilu fil-*weekend* ta' qabel u li l-lejl li fih ġie arrestat kien it-tielet lejl (fuq żewġ *weekends*) li fih kien mar hemm sabiex ibiegħ minn din id-droga.

## Ikkunsidrat ukoll:

Illi fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża ssostni illi l-imputat ma kellux ix-xjenza li trid il-liġi sabiex ikun jista' jinstab ħati tar-reati kkontemplati fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet. L-imputat mhuwiex jikkontesta s-sejbien tad-droga in kwistjoni fil-pussess tiegħu, iżda skont id-difiża, l-imputat kien mingħalih illi s-sustanzi li kellu fil-pussess tiegħu kienu *speed* u mhux *ecstasy* u amfetamina, mhux kokaina u għaldaqstant, skont l-istess difiża, huwa ma jistax jinstab ħati tal-pussess aggravat

[3] Ara din ix-xhieda a fol. 153 sa 182 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 156 tal-proċess.
[5] A fol. 156 tal-proċess.

tas-sustanzi ndikati fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet. Ulterjorment id-difiża tressaq argumenti dwar l-allegat tagħrif appożitament mogħti sabiex jintasab l-imputat, u dan meta diversi persuni oħrajn, fosthom persuni li jmexxu l-istabbiliment imsemmi, kienu komparteċipi f'dan iċ-ċirku tad-droga.

Din ta' l-aħħar la tikkostitwixxi difiża u wisq inqas skużanti li b'xi mod jista' jkollha l-effett li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet miġuba kontra tiegħu f'din l-istanza jew illi timmitigalu l-piena, kemm il-darba l-Qorti tqis illi jissussistu l-elementi formali u materjali tar-reat. Għall-kuntrarju dawn is-sottomissjonijiet jikkonfermaw il-volonta` tal-imputat li jipparteċipa f'ċirku ta' traffikanti ta' droga ġialdarba kien ben konxju tal-attivita` li, skont hu, kienet titmexxa fl-istess stabbiliment u ta' diversi persuni inkluż, skont il-verżjoni tiegħu, prinċipjanti influwenti, li kienu jittraffikaw kwantitajiet kbar ta' droga mill-istess stabbiliment.

Illi fix-xhieda tiegħu, fi stadju minnhom l-imputat jgħid illi huwa kien mingħalih li qed ibiegħ *speed* u amfetamina. Jgħid hekk dwar kif wasal sabiex ibiegħ is-sustanzi misjuba fil-pussess tiegħu fiż-żmien in kwistjoni:

"*Imbagħad li ġara darba fost l-oħrajn insomma kien hemm dan il-persuna li s'intendi kultant kien ikolli nagħtih xi ħaġa għax nixtri u daqqa nagħtih ta' tnejn u daqqa nagħtih ta' tlieta u dejjem sejrin hekk ...u dan insomma qalli inti għax ma tgħinix nagħtik xi ħaġa? Qalli hawn hekk mhux hekk sejrin, mhux problema, u vera kienet xi ħaġa faċli għax id-droga fuq l-idejn hekk. Inkredibli ...*

*Qalli ... issa nġiblek ix-xogħol jien, nġiblek pocket bl-affarijiet u tini daqqa t'id. Qalli oqgħod daqs 3 metri bogħod minni u speċi nagħmillek sinjal hekk u jiġu n-nies, nibgħathom jien fuqek jgħiduli t-tali bagħtni. Bħal speċi għax għandi x-xogħol tiegħu nżommulu. Għidtlu imma jien x'ħa nżomm? Qalli inti issa nagħtik anfetamina u speed u tgħidilhom xejn lin-nies, toqgħodx tgħidilhom għax hekk u għax hekk. Qalli jekk jgħidulek borża jew pirmla. Qalli toqgħodx tgħidilhom għandek hekk u għandek hekk. Għidtlu fair enough għax jien għalija speed nuża, anfetamina fil-gym nużawha. L-ispeed nixtriha mill-Marsa, hawn speed taż-żwiemel li jagħtuhom qabel il-ġiri tixtri landa.*[6]

L-imputat għalhekk jgħid illi t-terz qallu li tah *speed* u amfetamina, u li skont hu, dan qallu wkoll biex madankollu lin-nies ma joqgħodx jgħidilhom x'għandu. Jgħid ukoll b'referenza għal dawn is-sustanzi: "*Droga xorta. I mean, anke steroids, kollox droga. Imma mhux coke. Ma semmejna qatt coke. Wisq*

[6] A fol. 161 u 162 tal-proċess.

*probabbli l-coke kienet ser tkun għandu. Lili jagħtini l-anfetamina u l-ispeed. Issa jekk hu jbiegħhiex bħala coke affarih, imma jien ma ngħid xejn*".[7]

Jgħid illi jaf illi s-sustanza li kien qed ibiegħ kienet *speed* u mhux kokaina għax huwa daq minnha, għalkemm jgħid ukoll illi dawn għandhom l-istess effett stante illi t-tnejn jgħaġġlu l-qalb u l-istess l-amfetamina. Jgħid illi hu ma ddejjaqx għax l-i*speed* m'hijiex kokaina u għaliex huwa kien juża l-amfetamina u l-i*speed* b'mod regolari fil-*bodybuilding*.

Wara li l-Qorti kkunsidrat ix-xhieda tal-imputat u l-assjem tal-provi mressqa, tqis illi d-difiża tal-imputat ma treġix. Fl-ewwel lok, jirriżulta ċar mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut illi s-sustanzi in kwistjoni ossia s-sustanzi misjuba fil-pussess tal-istess imputat ma kienux amfetamina u *speed*, iżda proprju kokaina u *MDMA* u ċioe` pilloli *ecstasy*. Huwa evidenti għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, illi l-ispjegazzjoni tal-imputat fis-sens illi huwa daq minn din is-sustanza u nduna li din fil-fatt ma kinitx kokaina iżda amfetamina, ma treġix, kif lanqas ma treġi s-sottomissjoni tad-difiża illi x'aktarx l-imputat ma ndunax li din kienet kokaina għaliex kellha purita` baxxa u dan għaliex effettivament il-purita` tal-kokaina kienet waħda normali. Dan apparti illi la darba l-imputat stess jgħid illi huwa kien jakkwista l-kokaina mingħand it-terza persuna li pprovdietu bid-droga sabiex minnha jbiegħ lil terzi, il-Qorti ssibha diffiċli temmen illi l-imputat mingħalih kien qed ibiegħ l-amfetamina u *speed*.

Fi kwalunkwe każ, anke jekk għall-grazzja tal-argument biss, il-Qorti kellha temmen lill-imputat meta huwa jgħid illi mingħalih li kien qiegħed ibiegħ amfetamina u *speed* minflok kokaina u *ecstasy* u per konsegwenza illi s-sustanzi misjuba fil-pussess tiegħu ma kienux verament kokaina u *ecstasy*, din ma tikkostitwixxi l-ebda difiża għall-imputat u dan fit-termini tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 121A(2) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi jiddisponu hekk:

"*Meta r-reat li bih persuna tkun akkużata ikun dak ta' pussess ta', jew bejgħ jew traffikar ta', mediċina kontra d-disposiżżjonijiet ta' din l-Ordinanza l-akkużat ma jkunx jista' jiddefendi ruħu kontra dik l-akkuża billi jipprova illi huwa ħaseb li kellu fil-pussess tiegħu, jew li kien qed ibiegħ jew jittraffika, xi ħaġa li ma kinitx il-mediċina msemmija fl-akkuża jekk il-pussess ta', jew il-bejgħ jew traffikar ta', dik il-ħaġa oħra kien ikun, fiċ-ċirkostanzi, bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' din l-Ordinanza jew ta' xi liġi oħra*".

[7] A fol. 163 tal-proċess.

Huwa evidenti illi l-pussess tas-sustanza amfetamina, li hija mediċina speċifikata u psikotropika skont l-Artikolu 40A(2) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tielet Skeda, Taqsima B tal-Kap. 31, ir-Regolament 2 tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985 u t-Tieni Skeda tal-imsemmi Avviż Legali, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, hija kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolamenti 5 *et sequitur* tal-Avviż Legali 22 tal-1985. Effettivament ir-Regolament 5(1) tal-istess Avviż Legali jgħid hekk: "*Ebda persuna jekk ma tkunx awtorizzata kif imiss, ma jista' jkollha fil-pussess tagħha xi mediċina speċifikata*". Is-sustanza *speed* imbagħad mhijiex għajr *street name* tas-sustanza amfetamina. Isegwi għalhekk illi m'hijiex difiża illi l-imputat jgħid illi huwa ħaseb li s-sustanzi li nstabu fil-pussess tiegħu ma kienux dak li attwalment kienu, meta fi kwalunkwe każ anke l-pussess ta' tali sustanzi jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza u tar-Regolamenti msemmija.

Jirriżulta ċar ukoll illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni kienet intiża għall-ispaċċ mill-istess stabbiliment, kif jammetti l-istess imputat fix-xhieda tiegħu. Għalhekk m'hemmx dubju illi d-droga hekk misjuba ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, fit-termini tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati fil-grad li trid il-liġi.

Dwar it-tielet imputazzjoni, imbagħad, li tikkontempla l-aggravju tad-distanza, m'hemmx dubju illi r-reati kkontemplati fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet seħħew ġewwa l-istabbiliment 'Clique' ġewwa Paceville, kif iddikjarat ukoll id-difiża fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2015, u għaldaqstant ġewwa post fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ

Il-Qorti tqis għalhekk illi anke dan l-aggravju jirriżulta sodisfaċentement ippruvat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Marzu 2016, li tinkludi fost oħrajn kundanni dwar reati taħt il-Kapitoli 65 u 104 tal-Liġijiet ta' Malta f'ħames okkażżjonijiet, stupru, feriti ta' natura ħafifa f'żewġ okkażżjonijiet u anke feriti ta' natura gravi. Dwar dawn ir-reati l-imputat ingħata liberazzjoni kundizzjonata darbtejn, pieni pekunjarji, sentenza ta' priġunerija sospiża u sentenza ta' priġunerija effettiva. Din għalhekk m'hijiex l-ewwel darba illi l-imputat xellef diffrejh mal-ġustizzja.

Il-Qorti qegħda tikkunsidra wkoll illi l-kwantita` ta' pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat kienet waħda pjuttost sostanzjali, apparti illi kellu wkoll fil-pussess tiegħu

għoxrin pakkett kontenenti l-kokaina, b'kollox f'piż ta' 8.01 grammi. Tqis ukoll illi ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tat-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena għandha tiżdied bi grad.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat mill-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Attard, kif ukoll ix-xhieda ta' Noel Cassar, in rappreżentanza tal-Aġenzija Caritas, mil-liema jirriżulta illi l-imputat għamel progress in kwantu d-dipendenza tiegħu fuq id-droga kokaina. Skont ir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation*, fiż-żmien tal-istess rapport, huwa kien ilu sitt xhur 'il bogħod mid-droga u kien motivat sabiex jindirizza din il-problema. Fix-xhieda tagħha tas-16 ta' Jannar 2017, imbagħad, disa' xhur wara l-preżentata ta' dan ir-rapport, l-Uffiċjal tal-*Probation* tgħid illi l-andament tal-imputat baqa' wieħed tajjeb, kampjuni tal-urina li tteħdulu rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti, kien qed iżomm kuntatt regolari mal-Caritas u "*jidher li l-problema tad-droga m'għadhiex hemm*".[8] Anke fir-rapport tagħha lil din il-Qorti, datat 8 ta' Novembru 2017, l-Uffiċjal tal-*Probation* sostniet illi l-imputat baqa' jżomm lura mill-użu tad-droga.

Ikkunsidrat ukoll dak sollevat mill-partijiet fit-trattazzjoni finali tagħhom b'rabta mal-applikazzjoni ta' Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ukoll reż applikabbli għall-Kapitolu 31 bis-saħħa tal-Artikolu 120A(2B) tal-istess Kapitolu. L-imsemmi Artikolu 29 jiddisponi hekk:

"*Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs.*"

Mill-atti jirriżulta illi l-Prosekuzzjoni ma għamlet l-ebda dikjarazzjoni tali fil-proċess u għalhekk il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tapplika l-ewwel parti ta' din id-disposizzjoni tal-liġi. Saħansitra, fit-trattazjoni finali tiegħu, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma kinitx disposta li tagħmel tali dikjarazzjoni fosthom għaliex, skont hu, l-informazzjoni mogħtija mill-imputat ngħatat wara l-mewt tal-persuna li kien fornih bid-droga u in oltre għaliex fil-

[8] Ara a fol. 184 tal-proċess.

konfront ta' terzi, l-imputat ma kienx dispost la li jagħti x-xhieda tiegħu u lanqas illi jagħmel *controlled delivery*.

Jibda biex jingħad illi l-liġi ma tgħid xejn minn dak li l-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara li kellu jsir, u ċioe` li imputat għandu jagħmel *controlled delivery* jew jirrilaxxa stqarrija ġuramentata kontra terzi persuni li huma nvoluti fit-traffikar tad-droga sabiex jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ma hemm xejn li jżomm lill-Qorti milli tapplika d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu anke fil-każ biss li l-ħati jkun semma u ta informazzjoni dwar persuni li mingħandhom huwa jkun akkwista d-droga, sakemm il-Qorti tkun sodisfatta li l-ħati jkun verament għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Naturalment, il-grad ta' kooperazzjoni tal-ħati jkollu effett fuq il-grad tal-benefiċċju li huwa jingħata in kwantu tnaqqis fil-piena u allura jekk il-Qorti tnaqqasx il-piena bi grad jew inkella żewġ gradi in kwantu piena ta' priġunerija effettiva u b'terz jew b'nofs in kwantu piena pekunjara.

Id-difiza da parti tagħha ssostni u tippretendi illi l-imputat f'dan il-każ għandu jibbenefika mill-imsemmija disposizzjoni tal-liġi u dan stante illi fl-ewwel lok, huwa kien indika l-isem tal-persuna li mingħandha kien akkwista d-droga mertu tal-każ odjern u kien lest li anke jixhed fil-konfront tiegħu u fit-tieni lok, kien provda diversi dettalji dwar persuni oħrajn li wkoll kienu nvoluti fit-traffikar tad-droga, inkluż informazzjoni dwar il-postijiet fejn kienet tkun moħbija d-droga. Dwar dawn tal-aħħar madankollu, huwa ma kienx lest illi jagħti x-xhieda tiegħu. Ġara madankollu illi l-persuna li fil-konfront tagħha l-imputat kien lest li jagħti x-xhieda tiegħu mietet xi xahar jew xahar u nofs wara l-arrest tal-istess imputat u għalhekk ma seta' jsir xejn iżjed. Fil-waqt illi l-Prosekuzzjoni tgħid illi l-imputat ta l-informazzjoni lill-pulizija wara li l-persuna li fornietu bid-droga laħqet mietet, l-imputat isostni illi kienet il-Pulizija stess li naqset li tibgħat għalih qabel dan seħħ.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Sandro Mifsud</u>**, mogħtija fit-2 ta' Awwissu 1999, ingħad hekk dwar din id-disposizzjoni tal-liġi:

"*Kif din il-Qorti diġa` kellha l-opportunita` li tfisser f'sentenzi oħra, biex persuna tibbenefika mir-riduzzjoni ta' grad jew tnejn fil-piena ta' priġunerija (u riduzzjoni ta' terz jew nofs fil-piena pekunjarja) skond l-imsemmi Artikolu 29 mhux biżżejjed li dak li jkun <u>isemmi</u> l-persuna mingħand min ikun xtara d-droga; irid jirriżulta li b'dik l-informazzjoni l-akkużat ikun effettivament **<u>għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna</u>**. Jekk minkejja dik l-għajnuna, il-pulizija ma jkollhiex provi biżżejjed biex tressaq lill-persuna indikata l-qorti, jew jekk dik il-persuna indikata*

*tkun diġa` nqabdet mill-pulizija qabel ma tissemma' mill-akkużat, ma jkunx jista' jingħad li l-akkużat ikun għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Altrimenti faċilment jiġri li, biex persuna tnaqqas mill-piena tagħha, tibda ssemmi ismijiet ta' nies li jistgħu jkunu innoċenti, jew l-ismijiet ta' nies li tkun taf li **diġa` nqabdu in konnessjoni mal-bejgħ ta' droga lilha***"[9] [sottolinear ta' dik il-Qorti].

Fil-kaz fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Borg u John Sultana**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminal fit-3 ta' Frar 2005, ingħad hekk:

"*L-espressjoni "ghenet ... biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni" ("has helped ... to apprehend the person or persons", fit-test Ingliz) tfisser mhux semplicement li l-hati jkun indika lil xi persuna jew persuni bħala l-persuna jew persuni li pprovdewlu d-droga, iżda li tali indikazzjoni tkun verament ikkontribwiet sabiex il-Pulizija tkun f'posizzjoni li tressaq lit-traffikant il-Qorti, dak pero`, li jkun ipprovdielu d-droga.*"

F'dak il-każ, il-Qorti kompliet hekk:

"*Jirrizulta mill-atti ta' l-istruttorja, u specifikatament mill-istqarrija ta' l-appellant, li fil-fatt huwa identifika l-persuna li qabbditu biex jiltaqa' ma' min kellu jghaddilu d-droga fl-Italja u identifika wkoll min ghaddielu l-flus. Ghamel tentattiv biex jidentifika l-persuna li kienet ipprovdietlu d-droga meta xehed quddiem l-ewwel Qorti u dan a bazi ta' identikits esebiti mill-prosekuzzjoni, sfortunatament minghajr ezitu favorevoli.*

*Ghalhekk stante li l-kooperazzjoni ta' l-appellant John Sultana ma wasslitx biex "tinqabad" il-persuna li "pprovdietlu" d-droga, u anke kieku identifika xi hadd minn fuq l-identikits kien ghad jonqos li l-Pulizija "taqbad" lill-persuna koncernata, l-artikolu 29 tal-Kap. 101 mhuwiex applikabbli fil-konfront tieghu. Ciononostante din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni tali kooperazzjoni meta giet biex tinfliggi l-piena ghax il-piena inflitta kieku kienet tkun ferm oghla.*"

U finalment kif ingħad fis-sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Schembri** tat-12 ta' Diċembru 2018:

"*Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti pero` li biex akkuzat jibbenifika minn tali riduzzjoni mhux bizzejjed li dak li jkun jkun semma il-persuna minghand min ikun xtara id-droga izda irid jirrizulta li b'dik l-informazzjoni l-akkuzat ikun ghen lill-*

---

[9] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal diversi sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali – The Republic of Malta vs Kamil Kurucu, 14 ta' Gunju 2007; Ir-Repubblika ta' Malta vs Antoine Debattista, 19 ta' Jannar 2006, Il-Pulizija vs Cuschieri, 7 ta' Jannar 1999; Il-Pulizija vs Philippa sive Filippa Chircop, 2 ta' Marzu 2007.

*pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Sabiex l-artikolu 29 ikollu effett u jista' jigi applikat hemm bzonn li:-*

*1. Li l-akkuzat jew indagat ikun semma min ghandu min xtara id-droga u jghati id-dettalji dwar il-provvista.*

*2. Li a bazi ta din l-informazzjoni l-pulzija tkun tista' tinvestiga l-pesuna identifikata.*

*3. Li tali pesuna tkun giet imresqa l-Qorti u akkzuat bir-reat li gie skopert bl-ghajnuna tal-persuna li svelha.*

*Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li fl-istqarrijiet li irrilaxja vera l-appellant sema xi ismijiet pero' ma jirrizultax li sar xejn aktar f'dan ir-rigward lanqas meta l-Ispettur Norbert Ciappara xehed ma kkonferma li bl-ghajnuna tal-appellant inqabad xi persuna ohra midhla fil-prokurar tad-drogi.*"

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, għalkemm l-imputat jallega illi donnha l-Pulizija Eżekuttiva injoratu u bagħtet għalih biss wara li l-fornitur tiegħu kien miet, fil-waqt illi da parti tagħha, fit-trattazzjoni finali, il-Prosekuzzjoni timplika nuqqas da parti tal-imputat inniffsu, apparti illi l-Qorti tqis ukoll illi tali fornitur jidher li miet proprju ftit ġimgħat wara l-arrest tal-imputat odjern – ċirkostanza din li la setgħet tkun prevvista min-naħa u lanqas minn oħra – jibqa' l-fatt illi a bażi tal-informazzjoni li ta jew li kien lest li jagħti l-imputat odjern, l-istess fornitur la laħaq inqabad mill-Pulizija Eżekuttiva u wisq anqas ġie mressaq il-Qorti. Għar-rigward tal-bqija tal-informazzjoni li l-imputat jgħid illi huwa ta lill-Pulizija rigward terzi oħrajn u postijiet fejn kienet tkun moħbija d-droga, minkejja tali informazzjoni, lanqas ma jirriżulta illi f'dak l-istadju jew fl-istadju tal-proċeduri, il-Pulizija kellha biżżejjed provi sabiex tressaq tali persuni l-Qorti. Li persuna tindika l-persuni kif jidher li għamel l-imputat u tindika anke l-postijiet fejn tali persuni jżommu d-drogi ma jfissirx awtomitakament li l-Pulizija Eżekuttiva jkollha biżżejjed provi sabiex tmexxi bi proċeduri kontra tagħhom. Jeħtieġ ukoll illi b'tali informazzjoni l-Pulizija tkun tista' u effettivament taqbad lil dawn il-persuni. Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat odjern. Naturalment, il-Qorti sejra madankollu tieħu in konsiderazzjoni l-kooperazzjoni tal-imputat fil-piena nflitta.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Jirriżulta wkoll mill-atti illi fil-pussess tal-imputat fil-lejl in kwistjoni, instabet is-somma ta' elf, mija u ħamsa u għoxrin ewro (€1,125). Dwar dawn, fix-xhieda tiegħu l-imputat jgħid illi €1,000 minnhom kienu ġejjin mill-bejgħ tad-droga, fil-waqt illi l-bqija kienu tiegħu personali. Din id-dikjarazzjoni tal-imputat m'hijiex kontradetta. Għaldaqstant qegħda tordna l-konfiska tas-somma ta' €1,000, fil-waqt illi qegħda tordna r-rilaxx tas-somma ta' €125 favur l-imputat.

Qieset ukoll illi għalkemm il-Prosekuzzjoni talbet l-iffriżar tal-assi tal-imputat ai termini tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba giet milqugħa, biss il-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx il-konfiska tal-flejjes jew proprjeta` mobbli oħra u proprjeta` immobbli tal-imputat, kif meħtieġ fit-termini tal-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli wkoll għall-Kapitolu 31 bis-saħħa tal-Artikolu 120A(2B) tal-imsemmi Kapitolu, fil-każ tar-reati li dwarhom l-imputat odjern qiegħed jinstab ħati. Għaldaqstant, f'dan l-istadju, il-Qorti m'hijiex qegħda tordna tali konfiska.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjara 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' għoxrin (20) xahar priġunerija effettiva u multa fis-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut fis-somma ta' tlett

mija u żewġ ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€302.61), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tal-Artikolu 120A(2)(b) tal-Kap. 31, tordna l-konfiska tal-flus kontanti fis-somma ta' elf ewro (€1,000) esebita bħala parti minn Dokument GM 2 favur il-Gvern ta' Malta, fil-waqt illi tordna r-rilaxx tas-somma ta' mija u ħamsa u għoxrin ewro (€125), ukoll formanti parti minn Dokument GM 2, favur il-ħati.

Tordna wkoll ir-rilaxx tal-*mobile phone* u *pocket* iswed esebiti bħala Dokument GM 3 favur il-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza li tinsab esebita bħala Dokument GM 1 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat